# Xogħol tal-Ganutell li nsibu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt

**Maria Kerr**

F'dan l-artiklu se nagħti deskrizzjoni lejn ix-xogħol sabiħ tal-Ganutell li nsibu f'dan is-Santwarju u li ħafna minnu jkun armat għall-ġranet tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Uħud minn dawn ix-xogħlijiet tal-ganutell huma antiki ħafna u jagħtuna ħjiel ta' kif kien jinħadem il-Ganutell, mijiet ta' snin ilu. Ma' dawn ix-xogħlijiet hemm ukoll xogħol iktar riċenti li jikkumplimenta sew ix-xogħol antik.

Xogħol partikulari ħafna tal-ganutell li nsibu f'dan is-Santwarju huwa fjurett ġo bozza li għall-ġranet tal-festa jkun armat fis-Sagristija li huwa maħsub li huwa xogħol Naplitan maħdum mis-sorijiet ta' Lukka, għalkemm rajt xogħlijiet simili tiegħu maħdum minn sorijiet Maltin, bid-differenza li l-għamla u l-fjuri f'dan il-fjurett kienu ftit ikbar. Bla dubju huwa xogħol mill-isbaħ tal-ganutell. Dan il-fjurett jkun ġo bozza li hija ukoll antika ħafna.

Harsa iktar mill-qrib lejn dan il-fjurett nindunaw illi minflok bil-granfi, il-fossa l-ħamra hi miżmuma b'"ċintorin". Dan iċ-ċintorin jintuża meta l-fossa tkun bla granfi. Il-proċess biex isir dan iċ-ċintorin huwa wieħed ikkumplikat ħafna. Dan isir billi torbot tlieta jew erba' tulijiet ta' *wire* ta' 0.3mm, iżżommhom flimkien ċatti u bil-*wire* ta' 0.2mm torbothom flimkien. L-irbit irid ikun waħda ħdejn l-oħra. Ma' dawn il-*wires* irid ikun hemm *wire* ieħor ta' 0.25mm għaddej magħhom, biex b'dan il-*wire* inti u tagħmel dan l-irbit, toħloq ħoloq ċentimetru 'l bogħod minn xulxin. Minn dawn il-ħoloq tgħaddi biċċiet tal-*wire* u tobromhom. Meta ddawwar iċ-ċintorini mal-fossa, u ċ-ċintorini jsir tond, torbot dawn il-*wires* kollha flimkien. Barra ċ-ċintorin ta' madwar il-fossa hemm *rouge* bil-*wire* tal-fidda. Imbagħad tlettax-il perla mżejna bl-istess *rouge*. Il-forma tal-petali b'modda rqiqa hi perfetta u mimlija b'ħajt tal-qoton irqiq roża ċar.

Fjorillini tax-xinilja ħomor bin-nofs iswed, din id-darba mhux tal-maqtuħ, ikompli jagħtu l-ħajja lil dan il-fjurett. Min ħadem dan ix-xogħol kien ukoll iħobb iżejjen bid-dud tax-xinilja. Harsa lejn dan ir-ritratt (ara paġna 21) tikkonferma kemm jagħtu moviment meta l-weraq ikunu ħodor f'*shades* differenti. Fjuri u ċrieki żgħar tal-*bouilion* huma wkoll imferrxin mal-fjurett kollu.

Dan mhux biżżejjed, imma l-artist jew artista ried jesprimi l-ideat u l-kapaċità tiegħu billi jagħmel in-naħa ta' wara tal-fjurett differenti minn quddiem (ara paġna 20). Il-fjorellini tax-xinilja minflok ħomor u suwed, fuq din in-naħa huma koħol u oranġjo. Il-fjura prinċipali totalment differenti fil-kulur. Tibda *maroon* u tkompli fil-*peach.* Fjuri ċilesti mħalltin bl-abjad jieħu post ir-roża. Il-fjuri *mezzo chiusi* baqgħu l-istess u fuq din in-naħa, l-fjuri tal-*boullion* issibhom ukoll. Dettall ieħor partikolari ta' dan il-fjurett hu li, taħt l-ewwel qoffa huwa mżejjen b'iktar fjorellini tax-xinilja fuq naħa waħda oranġjo u fuq in-naħa l-oħra ħomor u suwed. Din l-opra interessanti hija mmuntata ġo qoffa oħra magħmula bil-*boullion* tal-fidda. Xogħol tassew interessanti u uniku.

Għalkemm il-kunvent dejjem kien meqjus illi dan ix-xogħol huwa miġjub minn Lucca, xorta waħda għandi d-dubji tiegħi. Dan għaliex minħabba l-fatt li fih ħafna dettalji partikolari li jixbhu lil dawk ta' opra mill-isbaħ li tinsab fil-mużew tal-knisja ta' Ħal Lija. Li nista' ngħid hu li dan id-dettall li jidher hawn, biex tagħmlu trid ħafna xogħol, ħin u paċenzja. Huwa dettall artistiku mmens. Fih ħafna ċrieki tal-*boullion*, xinilja bil-*wire* tal-fidda mibrum, *rouge* tal-fidda mdawwar maċ-ċrieki tal-fidda, *boullion* ċatt magħmul minn molla miftuħa, u l-*wires* kollha miksija bil-ħajr tal-ħarir. Il-forma li għandu dan id-dettall hija meraviljuża.



Il-fjurett, bin-naħa ta' wara, għalkollox differenti minn dik ta' quddiem







Fjurett, xogħol is-Sorijiet ta' Sant'Ursola

Mill-kulur tax-xinilja, mill-ħidma tal-petali tal-lilum, mill-fjura tal-perli u mill-fjura tal-*boullion* tan-nofs jidher li dan is-sett fjuretti huwa xogħol is-sorijiet ta' Sant'Ursola. Dan is-sett tista' tgħid sempliċi u xejn li mhux tas-soltu. Fuq nett lilium abjad maħdum bil-ħajt mibrum.

Erba' fjuri kbar fin-nofs, waħda taħt l-oħra u żewġ fjuriet ħomor u tnejn oħra sofor fuq kull naħa. Il-vojt ta' bejn il-fjuri mimli bil-*pompoms* tax-xinilja. Wara miksi bil-kartonċin aħdar skur. Naħseb li dan il-fjurett għandu bejn l-erbgħin u l-ħamsin sena.





Dettalji mill-fjuretti li huwa maħsub huwa xogħol ta' Napli
(Imsemmi f'paġna 14)









Il-fjurett li l-fjuri tiegħu qabel kienu bħala girlanda mal-vara tal-Karmnu

Dan is-sett jintuża wkoll għall-festa tal-Anġlu kustodju, fit-2 t'Ottubru

Fis-sena 1622 kienet saret girlanda għal madwar il-vara tal-Madonna tal-Karmnu. Hafna snin wara, din il-girlanda nħattet u dawk il-fjuri li kienu baqgħu fi stat tajjeb, intużaw biex isir dan is-sett ta' sitt fjuretti. F'din l-opra wieħed jista' jara fjuri antiki tal-lewlu, fjuri tal-*basic petals* maħdumin bil-*wire* tal-fidda, fjuri sbieħ tal-*boullion* tad-deheb u tal-fidda mżejnin bl-antaċċoli. Fjura partikolari hija fjura żgħira tal-molla bil-petali mimlijin bil-ħajt abjad u aħmar. Il-bqija tal-fjuri nħadmu wara ħafna żmien meta l-girlanda saret fjuretti. Il-fjuri tal-lama u l-weraq maħdumin bix-xinilja mixtrija lesta, jikkonfermaw dan (Ara paġna 21).

Madanakollu, il-weraq antiki tax-xinilja maħdumin fuq il-qasba, li kienu għadhom fi stat tajjeb intużaw biex isebbħu dan il-fjurett. Harsa mill-qrib lejn dawn il-weraq, tinduna b'liema sengħa kienet maħduma l-girlanda fis-sena 1622. Tinduna wkoll kemm huma maħdumin puliti u perfetti dawn il-weraq. Illum il-ġurnata dan is-sett jintuża wkoll għall-festa tal-Anġlu Kustodju fit-2 ta' Ottubru.



Weraq antiki tax-xinilja

Dan il-fjurett, wieħed minn sett ta' sitta, ingħata bħala rigal fis-sena 1980 mis-sorijiet Franġiskani tal-istilla ta' Għawdex. Aktarx huma maħdumin minn dawn is-sorijiet (Ara paġna 24) stess - xogħol unit ħafna. Din id-darba l-lilum tħalla barra u minflok inħadmu fjuri tal-molla bojod. Fin-nofs hemm tliet fjuri kbar, kollha petali tondi fuq il-molla fi tliet kuluri differenti; waħda roża skur, oħra fin-nofs ħamra u oħra fjuri oħra tal-molla roża fuq kull naħa, u isfel nett tnejn oħra maħdumin bil-*boullion* miftuħ tal-fidda. Il-petali ta' dawn il-fjuri huma *basic petals.* Fil-vojt ta' dawn il-fjuri mtela b'ħafna petali ta' kull kulur, fjuri *chiusi*, blanzuni, u xi pensiera 'l hemm u 'l hawn.

Dan huwa sett ta' erba' fjuretti maħdum mis-sorijiet ta' Sant'Ursola. ftit li xejn fih fjuri tal-ganutell (Ara paġna 24). Mad-daqqa t'għajn taħseb li huma fjuri tax-xinilja, iżda meta tersaq viċin tinduna li l-fjuri huma magħmulin tad-drapp tal-bellus. Il-kuluri huma vivaċi u attraenti. Kien importanti għal dawn is-sorijiet li jibdew bil-lilium, u għal dan il-fjurett ħadmuh bil-*boullion* irqieq tal-fidda. F'nofs il-fjurett, bħala fjura prinċipali ħadmu fjura *peach.* Għall-ewwel saff ta' din il-fjura madwar il-fossa, għamlu kwantità kbira ta' perli u ċriki mill-istess *boullion*. Din il-fjura dawruha b'ħafna fjorellini tal-*boullion* tad-deheb u tal-ġilda. Għall-weraq użaw l-istess sistema tal-petali u għamluhom tal-bellus aħdar skur.

Bħal dan il-fjurett, is-Santwarju tal-Karmnu għandu sett għall-ħames altari (Ara paġna 24). Aktarx huma xogħol Emanuel Sciberras jew xi ħadd li adotta l-istil tiegħu. Il-lilium huwa l-bidu ta' dawn il-fjuretti, maħdumin bil-ħajt mibrum abjad u l-petali huma *basic petals*. Il-fjura tan-nofs hija fjura bil-petali tal-boullion miftuħ tad-deheb. Fih sitt fjuri li l-petali tagħhom huma maħdumin fuq il-*boullion* tad-deheb. Fih ukoll disa' fjuriet sempliċi tax-xinilja u tnejn ħomor ikbar fl-aħħar tal-fjurett. Fih ukoll żewġ fjuriet bil-perli waħda fuq u l-oħra taħt il-fjura tad-deheb tan-nofs.

Fis-sena 1992, Nikol ġie kkumissjonat biex jagħmel sett fjuretti għal fuq l-artal ta' Santa Tereża ta' Ġesù (Ara paġna 25). Dan il-fjurett huwa wieħed sempliċi. Hadem ħafna bil-ħajt mibrum u l-biċċa l-kbra tal-fjuri huma maħduma bil-*basic petals*. Għat-tliet fjuriet tal-molla Nikol uża l-*beading wire* u l-ħajta ħalliha sħiħa li tagħti dehra differenti lil fjura. Hadem fuq sitt fjuriet kbar, li ħamsa minnhom huma

bil-*basic petals*. Dawn il-petali huma maħdumin bi preċiżjoni u l-ħajt huwa ppreparat tajjeb ħafna, ħdejn il-fjura l-*wine*, li bejn wieħed u ieħor qiegħda fin-nofs, ħadem fjur bil-*T petal*, il-petala li tintuża għall-ward. Biex joħloq fjura differenti mill-warda, għawweġ il-petala bil-kontra tas-soltu. Il-kulur ta' dawn iż-żewġ fjuriet huwa wieħed qawwi, u meta tħares lejn il-fjuri għajnejk imorru fuqhom. Il-weraq kollha li uża Nikol biex jikkumplimenta dawn il-fjuretti, huma kollha maħdumin bil-*basic petals.*

Il-ganutell li hemm madwar il-Via Sagra ġie maħdum fis-sena 2008 minn Carmel Pace (Ara paġna 25). Il-kuluri ta' dawn il-girlandi huma ferm addattati. Fix-xogħol ta' Carmel rajt ħafna l-istil tiegħi. Fjuri delikati u bi proporzjonijiet tajbin ħafna. Dan il-ganutell jinkludi kemm fjuri tal-molla kif ukoll fjuri tal-ħajt mibrum. Beda bil-blanzuni (*chiusi* u *mezzo chiusi*) warda fuq kull naħa, diversi fjuri tal-molla u biex joħloq dehra delikata żejjen bil-*baby's breath*.

Il-fjuretti tal-artal tas-Sagrament (Ara paġna 26) huma sett ta' għaxar fjuretti mill-isbaħ magħmulin fis-sena 1747 li ma nafux min għamilhom. Minkejja li għadda daqshekk żmien minn fuqhom, il-kundizzjoni tagħhom għadha waħda tajba ħafna. Il-kuluri tagħhom huma tant sinjorili, kulur li jixraq ħafna li jkun fuq l-artal tas-Sagrament. Nafu biss li dawn il-fjuretti ġew ikkommissjonati mill-Arċikonfraternità tal-Madonna tal-Karmnu.

Dawn il-fjuretti juruna li dak iż-żmien kienet diġà bdiet l-użanża li l-fjurett jibda bil-lilium. Dan il-lilium huwa maħdum fuq il-molla u l-petali huma mimlija bil-lametta tal-fidda. Il-petali huma maħdumin bil-bellus irqieq (*chifon velvet*) drapp fin li kien popolari ħafna dak iż-żmien. Il-fjuri *chiusi* jew il-blanzuni, għandhom ħames petali u taħt id-drapp, il-frame bil-*wire* jidher ċar.

Għan-nofs ta' dawn il-blanzuni, l-artist żejjen sitt perli bil-*boullion*, waħda tal-fidda li qiegħda fin-nofs u ħamsa tad-deheb imdawrin magħha. Fjuri kbar maħdumin bil-*boullion* biss huma numerużi. Dawn il-fjuri huma oriġinali ħafna u ma ssibhom f'ebda fjurett ieħor. Waħda minn dawn il-fjuri, maħduma bil-*boullion* tad-deheb qiegħda eżatt fin-nofs tal-fjurett. Il-fjuri kollha għandhom ħafna dettall iżda l-fjuri *peach*, li huwa kulur pjuttost modern, għandhom dettall ta' ħafna ħin u xogħol. Dan id-dettall tani ħjiel li seta' kien xogħol is-sorijiet ta' Santa Katerina (Ara paġna 26).

Dan huwa fjurett kollu lilium maħdum fuq il-molla tal-fidda u għandu l-petali mimlijin bil-*boullion* tal-fidda miftuħ. Fjurett sempliċi maħdum fis-sena 1850, wieħed minn tnax li kienu jdawru l-vara tal-Madonna tal-Karmnu għal ħafna snin. Għalkemm għaddew ħafna snin minn fuqhom għadhom f'kundizzjoni tajba ħafna. Jibda bi tliet blanzuni u jkompli f'disa' fjuriet tal-lilium.

Kważi ċerta li dan ix-xogħol huwa tas-Sorijiet ta' Sant'Ursola. Il-weraq tal-kartonċin miksija bil-*boullion* tad-deheb miftuħ jaċċertani li kienet il-kapaċità ta' waħda minn dawn is-sorijiet. Fjuretti mżejnin b'dawn il-weraq iltqajt magħhom meta żort il-monasterju tal-patrijiet Karmelitani Tereżjani ta' Bormla.

Manuel Sciberras ukoll għandu x-xogħol tiegħu f'dan is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu. Dan huwa s-sett fjuretti li jkunu fuq l-artal privileġġjat ta' quddiem il-vara (Ara paġna 26). Dan huwa sett fjuretti sempliċi ta' ftit fjuri li huma kollha tal-molla. Manuel kien iħobb jibda billi jaħdem il-lilium fuq il-*boullion* tal-fidda. Hekk ukoll ħadem il-fjura l-kbira ta' kulur roża li tinsab eżatt taħt il-lilium. Hija fjura ħelwa u delikata u tkompli ferm mal-lilium. Fost dawn il-fjuri, Manuel ħadem ukoll erba' *persieri*. Il-weraq huma maħdumin bix-xinilja, iżda din ix-xinilja hija mixtrija lesta. Għalkemm dan il-fjurett huwa sempliċi huwa wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Manuel.

Dawn ir-ritratti (Ara paġna 27) juru kif kienu jinksew minn wara l-fjuretti tal-ganutell meta dawn, ħafna snin ilu, bdew isiru Malta ukoll. Kienu jinksew b'weraq żgħar tas-*sugar paper* u hekk bdejna naraw is-*sugar paper leaves.* Fil-bidu tas-seklu sbatax-il fjuretti tal-ganutell kienu jinksew b'dawn il-weraq, madanakollu iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar dawn il-weraq





Wieħed minn sett ta' erbgħa maħdum mis-sorijiet ta' Sant'Ursola (Ara paġna 22)

Wieħed minn sett ta' sitt fjuretti li ngħata bħala rigal fis-sena 1980 mis-sorijiet Franġiskani tal-Istilla, Għawdex (Ara paġna 22).







Fjurett aktarx Emanuel Sciberras (Ara paġna 22).







Dettalji mill-fjuretti ta' Nikol (Ara paġna 22)



Il-Ganutell tal-Via Sagra maħdum minn Carmel Pace fl-2008 (Ara paġna 23)

kienu jsiru kbar. Il-ħin kien prezzjuż u minflok ħafna weraq żgħar bdew jiġu mmuntati sitta jew tmienja weraq ikbar, dejjem skont id-daqs



Il-fjurett għall-artal ta' Santa Tereża ta' Ġesù (Ara paġna 22)



tal-fjurett. L-ewwel sistema kienet u għadha tieħu ħafna ħin u tirrikjedi ħafna xogħol. Min beda jaħdem il-ganutell bħala mezz ta' għajxien fittex sistema oħra, dik ta' weraq ikbar. Għadda iktar żmien u dawn il-weraq imdaqqsin spiċċaw werqa waħda kbira. Illum ħafna jużaw din is-sistema, ovvjament għax hija sistema iħfef u



Fjuretti tal-Artal tas-Sagrament (Ara paġna 23)



Fjurett maħdum kollu bil-lilium (Ara paġna 23)



Fjuretti tal-Artal tal-vara (Ara paġna 23)

tieħu anqas żmien. Ngħid għalija togħġobni iktar is-sistema l-antika, dik ta' ħafna weraq żgħar. Dan it-tip ta' weraq mhux biss intuża għal wara, iżda wkoll għal mal-fjuri.

Dawn iż-żewġ fjuretti saru fis-sena 1633 biex jintramaw fuq il-gradenzini fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Kien diffiċli ħafna biex niġbed konklużjoni dwar min seta' kien l-artist ta' dawn il-fjuretti.

Żgur li kien xogħol ta' livell ogħli ħafna u min ħadmu għamel użu minn perli fini u ta' kull daqs.

Il-ġastra jew vażun huma antiki daqs il-fjurett. Dan il-vażun huwa tal-porċellana fina u l-istampa u d-dekorazzjonijiet li fih huma



mpittra b'kuluri sbieħ u rikki. Għalkemm huwa važun tas-sena 1633, għadu fi stat perfett.

Dan il-fjurett uniku kien regalat lil Patri L. Sammut mis-sorijiet ta' Sant'Ursola fis-sena 1950. Kollox hu maħdum bil-*wire* tal-fidda. Il-fjura l-kbira li hemm fin-nofs hija maħduma bl-i*square petals*, li huma mberfla bil-*wire* tad-deheb.

Dawn is-sorijiet ħadmu dan il-fjurett biex jikkommemoraw id-dehriet tal-Madonna ta' Fatima li kienu saru fis-sena 1907. Fil-fatt f'nofs il-fjura hemm xbieha tal-Madonna u tlett itfal, Luċija, Ġaċinta u Franġisku. Din ix-xbieha sabiħa qiegħda fuq bellus ikħal imdawra b'ħafna perli mżejnin bil-*boullion* tad-deheb. F'Mejju tas-sena 2001, meta l-Papa Ġwanni Pawlu II żar Malta, l-istess sorijiet isselfu dan il-fjurett, għamlu replika tiegħu biex jagħtuh lill-Papa bħala rigal. Dettall uniku ġo dan il-fjurett huwa farfett grazzjuż li jinstab fuq in-naħa tal-lemin tal-fjura tan-nofs.



Fjurett li sar fis-sena 1633 għal fuq il-gradenzina



Fjurett xogħol is-sorijiet ta' Sant'Ursola fis-sena 1950

Fi żmien il-Kavallieri, għal ħabta tas-sena 1775 f'Għawdex, kienet teżisti d-drawwa li għall-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, il-ġurati kienu jżejnu l-weraq tal-palm bil-fjuri tal-ganutell.



Fjurett li kien jintuża fil-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm (Ara paġna 27)



Fjurett li jitpoġġa f'idejn il-Madonna fil-ġranet tan-Novena

Din id-drawwa reġgħet bdiet permezz ta' dekorazzjonijiet ħelwin tal-ganutell li jintużaw f'din il-purċissjoni (Ara paġna 23).

Il-fjuri tal-ganutell li fiha din id-dekorazzjoni huma varjati, għandha fjuri tax-xinilja, fjuri tal-molla, fjuri bil-perli u fjuri bil-*basic petals.* Il-kuluri tal-fjuri huma vivaċi ħafna. Fuq nett hemm toqba li minnha jgħaddi z-zokk tal-werqa tal-palm li jibqa niżel ġol-manku.

Xogħol riċenti tal-ganutell sar minn Carmel Pace. Dawn huma żewġ bukketti li jitpoġġew f'idejn il-Madonna u l-Bambin fil-ġranet tan-Novena. Għall-festa dawn jinbidlu ma' oħrajn tal-fulugranu, xogħol mill-isbaħ u antik ħafna.

# Inħeġġu lid-Devoti Karmelitani biex fil-ġranet tal-festa jinxtegħlu u jarmaw il-gallariji speċjalment minn fejn tgħaddi l-purċissjoni